# Birkirkara u l-Knejjes Filjali tagħha




Clifford Galea Vella

**Il-Knisja ta' San Pawl tal-Wied**

Skont l-atti tal-viżta pastorali li kien għamel l-Isqof Fra Pawlu Alpheran de Bussan fis-sena 1728, il-knisja ta' San Pawl fil-Wied ta' Birkirkara nbniet fis-sena 1538, jiġifieri tmien snin biss wara l-miġja f'Malta tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Din il-knisja baqgħet bl-istess għamla għal aktar minn 300 sena, sakemm reġgħet inbniet mill-ġdid bejn l-1852 u l-1854.

Minn viżta li saret kważi mitt sena qabel mill-Isqof Cagliares fl-1615, nafu li din il-knisja kienet tħares fl-istess direzzjoni bħalma għada sal-lum, b'ċimiterju quddiemha li kien mdawwar b'ħajt u kolonna b'salib tal-ġebel fuqha. Meta l-knisja nbniet mill-ġdid fis-seklu dsatax, dan is-salib ma baqax fuq il-kolonna fejn kien, iżda tqiegħed fuq l-opramorta ta' fuq il-bieb tas-sagristija fejn għadu jidher sal-lum. Mons Vincent Borg jgħid li dan iċ-ċimiterju l-aħħar li jissemma kien fil-viżta pastorali ta' l-Isqof Balaguer fl-1637 u wara ma nsibux iktar riferenzi għalih.

Fl-1637 fl-istess viżta pastorali tal-Isqof Balaguer Camarasa, dan innota li l-kwadru ta' fuq l-artal fil-Knisja ta' San Pawl kien wieħed antik ħafna. Fost affarijiet oħra l-Isqof Balaguer ordna li jinbdel dan il-kwadru u jsir ieħor ġdid.

Minn dak li ħalla miktub l-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri fil-viżta tiegħu tal-1687, jidher li minn ġewwa din il-knisja kellha tliet ħnejjiet u msaqqfa bix-xorok, kif kienu l-parti l-kbira tal-knejjes ta' dak iż-żmien. Mill-atti tal-viżta pastorali tal-1723, nafu li dil-knisja ma kellhiex sagristija, għax fiha stess kien hemm armarju biex fih jinżammu l-affarijiet meħtieġa għall-kult divin.



San Pawl tal-Wied fl-antik

Tifkira tal-knisja qabel ma nbniet mill-ġdid insibuha f'akkwarell li tpitter minn



San Pawl tal-Wied - is-saqaf b'pittura ta' Briffa

qassis ingliż, ir-Rev. Markham fis-snin tletin jew erbgħin tas-seklu dsatax. L-akkwarell juri l-knisja ta' San Pawl tal-Wied f'Birkirkara, bit-titlu Village of Bircarcara, Malta.

Minn dan l-akwarell jidher ċar li l-knisja kienet waħda sempliċi ħafna bħal bqija tal-knejjes medjevali Maltin, bis-saqaf ftit għal ponta għax jogħla mal-ħnejjiet u fuq quddiem kien hemm kampnar żgħir b'qanpiena.

Fil-faċċata nsibu li bejn il-bieb u l-kampnar kien hemm bħal rewwieħa jew tieqa żgħira u dejqa, u l-knisja kellha wkoll l-imwieżeb għall-ilma tax-xita, aktarx tnejn fuq kull ġenb. F'dan l-akkwarell jidher ukoll is-salib fuq il-kolonna quddiem il-knisja, u l-istatwa ta' San Pawl fuq pedistall għoli. Din meta nbidlet il-knisja, tneħħiet minn hemm, u jingħad li issa qiegħda fuq il-frontispizju tal-knisja.

Jidher li fil-kwadru titulari ġdid li kien sar fuq ordni tal-Viżitatur Balaguer, tpitter San Pawl fil-parti ta' fuq, filwaqt li fil-parti t'isfel kienu jidhru fih ukoll San Krispin u San Krispinjanu. Dawn il-qaddisin mill-antik, kienu meqjuma bħala l-patruni ta' dawk li jaħdmu fil-ġild jew jagħmlu xogħol ta' skrapan. Fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta, sa' mill-1614 diġà kien hemm artal u fratellanza f'ġieħ dawn il-qaddisin aħwa martri.



L-istatwa ta' San Pawl

F'Birkirkara, mhux il-bogħod mill-knisja ta' San Pawl fil-Wied, insibu waħda mill-aktar toroq antiki tar-raħal magħrufa bħala Sqaq Qrejżu. Il-kelma tal-isem tat-triq hija ta' oriġini Għarbija u tfisser dak li jikkonza l-ġild bit-tanina. It-tanina kienet tinkiseb mill-qoxra ta' ċerti siġar bħal tal-gazzija, tal-ballut jew ix-xumakk. Din is-siġra llum hija rari ħafna u tikber biss f'ċerta widien.

Il-kwadru titulari li nsibu fil-knisja tal-llum huwa kopja ta' dak li hemm fil-knisja tat-Tre Fontane f'Ruma u kien sar fit-tieni nofs tas-seklu dsatax minn Giuseppe Calleja, wara li l-knisja nbniet mill-ġdid.

Il-knisja ta' San Pawl kif narawha llum inbniet bejn l-1852 u 1854 fuq disinn tal-Perit Giuseppe Bonavia li kien iddisinja wkoll l-ewwel knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta,



San Pawl tal-Wied minn ġewwa

San Ġiljan. L-arloġġ tal-faċċata huwa tal-magħruf Mikielanġ Sapiano u sar fl-1891. Fih żewġ kwadranti, wieħed fil-kampnar, li fih ukoll ħamest'iqniepen u l-iehor fil-faċċata.

Il-kolonni tal-prospettiva tal-artal maġġur nġiebu mill-kappellun tal-Kurċifiss tal-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara stess, peress li dak iż-żmien kienet imġarrfa u abbandunata. Il-pittura tas-saqaf tal-Knisja ta' San Pawl hija tal-pittur magħruf Karkariż Ġużeppi Briffa u saret bejn is-snin 1944 u 1961 filwaqt li l-istatwa titular tal-injam inġabet minn Bolzano, fl-Italja fl-1952. Fil-ġranet qrib il-25 ta' Jannar, kull sena f'din il-knisja filjali ssir il-festa titulari tal-Konverzjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl.

Illum il-Knisja ta' San Pawl f'Birkirkara hija wkoll is-sede tal-Apostolate of Saint Paul Malta (ASPM) . Din hija komunita' kattolika f'Malta li għandha l-għan li tgħix b'dedikazzjoni u fervur il-valuri u t-tradizzjoni tal-ħajja kattolika.

**Il-Knisja tal-Vitorja f'Ħas Sajjied**

Bħala Naxxari b'konnessjonijiet kbar ma' Birkirkara, ma nistax nikteb dwar knejjes li nsibu f'Birkirkara u ma nsemmix dik tal-Vitorja li tinsab fl-inħawi magħrufin bħala Ħas Sajjied. Il-poplu Karkariż minn dejjem irrikorra għall-Madonna fit-talb tiegħu meta kien ikun f'mument u dan jidher b'mod partikulari fix-xbihat ta' ringrazzjament li nsibu fis-Santwarju Marjan ewlieni f'Birkirkara, dak tal-Madonna tal-Ħerba.

Ħadd ma jaf eżatt meta nbniet għall-ewwel darba din il-knisja ddedikata lil Marija Bambina. L-ewwel darba li tissemma' din il-knisja filjali kienet fl-1575 f'rapport li l-Isqof Pietru Duzina, viżitatur appostoliku u delegat tal-Papa għamel wara iż-żjara pastorali tiegħu f'Birkirkara. Fir-rapport tiegħu Dużina jgħid li din il-knisja kienet oriġinarjament parti minn ċimiterju ta' knisja oħra ikbar



Knisja tal-Vitorja - il-faċċata



Kwadru titulari

iddedikata lil San Anard. Fiż-żmien taż-żjara msemmija nsibu li din il-kappella għall-inqas kienet mgħammra bil-bibien – xi ħaġa li jirriżulta li bosta knejjes oħra miżjura minn Duzina ma kellhomx. Iżda jidher li l-altar tagħha ma kienx fi stat tajjeb u anqas kellha s-servizz ta' saċerdot rettur biex jieħu ħsiebha jew xi tip ta' introjtu għaż-żamma tagħha. Nafu biss li fil-festa tal-Vitorja kien jitkanta l-għasar u ssir quddiesa fiha u li kien iħallas għalihom ċertu Franġisk Borg.

Il-knisja tal-Vitorja terġa' tissemma fl-1615, din id-darba mill-Isqof Cagliaris meta dan għamel viżta pastorali oħra f'Birkirkara. Fl-1618, inħareġ digriet mill-Isqof ta' Malta biex ma tibqax issir qima pubblika f'din il-knisja minħabba l-istat ħażin tagħha. L-istess digriet ordna li dak l-apparat kollu li kien hemm f'din il-knisja kellu jittieħed fil-knisja l-oħra biswit, jiġifieri dik ta' San Anard. Jidher li minkejja l-ordnijiet tad-diġriet il-knisja tal-Vitorja xorta waħda baqgħet taqdi lin-nies tal-inħawi.

Iżda kwazi erbgħin sena wara, b'digriet tal-1655 il-knisja nħattet sal-pedamenti biex ikun jista' joħroġ il-ġebel meħtieġ mill-barriera li kien hemm quddiemha biex tkun tista' tinbena l-Knisja tal-Assunta, magħrufa aħjar bħala l-Knisja il-Qadima ta' Birkirkara. Wara li ngħalqet il-barriera, il-knisja tal-Vitorja reġgħet inbniet fuq l-istess pedamenti ta' qabel. Dan ġara wara l-pesta tal-1676. Kien f'dan iż-żmien li 41 Karkariż dehru quddiem in-Nutar Beneditu Vassallo u taw għotja ta' 55 uqija b'risq l-ispejjeż biex il-kappella tkun tista' terġa tinbena u tinfetaħ għas-servizz tan-nies ta' Ħas Sajjied.

Wara l-bini mill-ġdid insibu lil din il-knisja tissemma' fir-rapport tal-viżta pastorali li għamel f'Birkirkara l-Isqof Cannaves fl-1716. Hu jsemmi li l-knisja tal-Vitorja kellha wkoll zuntier żgħir quddiemha. Jiddeskrivi wkoll kif fil-kwadru titulari tagħha flimkien mal-Verġni Marija jidhru Santa Katerina u San Anard. San Anard kien it-titulari tal-knisja tal-biswit li fir-rapport ta' din iż-żjara ma tissemmiex.

Il-knisja tal-Vitorja kif nafuha llum, bl-arkitettura bi stil barokk u b'koppla fuq erba' ħnejjiet u arzella li żżejjen l-altar inbniet bejn is-snin 1724 u 1736. Dak iż-żmien il-Karkarizi kienu jsejħula "la Rotunda" għax fl-arkitettura tagħha għandha kor nofs tond li fih insibu l-altar maġġur u tissaqqaf permezz ta' koppla tonda. Mal-ħitan hemm numru ta' pilastri li fuqhom hemm arki

li jerfgħu l-koppla li hija mżejna b'pittura b'disinji ta' fjuri u emblemi mill-litanija tal-Madonna. Fil-lunetti tal-istess koppla nsibu mpittra l-erba' evanġelisti.

Fuq l-altar li huwa maħdum fl-irħam, hemm il-kwadru titulari, li għalkemm ma nafux minn pittru, huwa opra fina ta' xogħol lokali. In-naħa ta' fuq tal-istess kwadru hija mżejna b'prospettiva sabiħa b'disinn rococo, u aktar 'il fuq apside ta' kulur ċelesti b'numru ta' anġli ndurati skolpiti fiha.

Fuq il-bieb prinċipali tal-kappella nsibu il-gallerija tal-orgni filwaqt li fuq iż-żewġ bibien tas-sagristija mal-ġenb tal-artal maġġur, hemm żewġ inkwatri li jirrappreżentaw lill-Qalb ta' Ġesu u l-mewt ta' San Ġużepp.

Il-faċċata tal-knisja tal-Vitorja għandha nfluwenza kbira ta' arkitettura Spanjola b'żewġ pilastri twal qed jerfgħu gwarniċ li jdur mal-binja kollha. Fin-nofs tal-gwarniċ tal-faċċata hemm skolpita l-istemma tal-Madonna, bl-ittri A u M li jfissru "Ave Maria".

Fl-1895, benefattur Karkariż, ċertu Pawlu Borg bħala radd ta' ħajr lil Madonna għal grazzja li kien qala', ħallas l-ispejjeż biex jinbena l-kampnar tal-knisja. Illum il-kampnar fiħ erba' t'iqniepen, bil-kbira fosthom, bl-isem ta' Marija Bambina, tinħadem fl-1965 mid-ditta Pacard ta' Annecy fi Franza. Il-qniepen l-oħra huma Michelina li nħadmet mid-ditta Ingliża John Taylor u Helena li inħadmet ukoll fl-istess funderija.

Sal-1860 il-knisja kienet maqtugħa għal kollox mill-bini ta' madwarha. Minħabba f'hekk il-knisja ma kelliex sagristija għax kien hemm passaġġ warajha li jgħaqqad triq ma' oħra. Kien propju fuq dan il-passaġġ li f'dik is-sena nbniet is-sagristija. Riċentament inxtrat id-dar ta' biswit fejn kien hemm il-passaġġ biex tnifdet mas-sagristija u mal-knisja u hekk tkabbret biżżejjed biex taqdi l-ħtiġijiet tal-knisja.

Fid-19 ta' Settembru 1944, il-knisja tal-Vitorja ġiet solennament ikkonsagrata mill-Isqof Awżiljarju Mons Emanuel Galea.

Il-kwadru titulari li naraw illum juri ix-xbieha ta' Marija, tarbija tat-twelid, miżmuma mill-qabla u mgħejjuna minn nisa oħra. Jidher ukoll anġlu fuq ras il-Madonna b'kuruna f'idu u jidhru wkoll il-ġenituri tal-Madonna, Sant'Anna u San Ġwakkin. Il-pittura aktarx



Statwa tal-Bambina fl-antik

li saret madwar l-1770 minn awtur mhux magħruf. Il-kwadru huwa mdawwar b'gwarniċ tal-ġebel imżejjen bl-iskultura.

Il-knisja tal-Vitorja maż-żmien ġiet mogħnija wkoll b'diversi statwi fosthom dik ta' San Ġużepp u oħra tal-Madonna tas-Sacro Cuor, xogħol tal-istatwarju Ġużeppi Cilia li ħadem ukoll l-istatwa proċessjonali ta' Marija Bambina. Cilia kien alliev tal-istatwarju magħruf tal-kartapesta, l-mastru Senglejan Karlu Darmanin. Fil-knisja nsibu wkoll statwa ta' Marija Adolorata.


Statwa tal-Bambina

L-istatwa titulari ta' Marija Bambina hija mżejjna b'bankun tal-ġewż skolpit u fjuretti tal-ganutell f'vażuni tal-fidda. Il-kuruna fuq ras l-istatwa tal-Madonna ġiet maħduma fl-1962 fil-filugranu filwaqt li l-istatwa hija mżejjna wkoll b'raġġiera sabiħa tal-fidda xogħol ta' Marjanu Pace.

Fil-ġranet wara t-8 ta' Settembru ssir festa ħelwa lil Marija Bambina f'din il-knisja filjali li tkun armata b'armar mill-isbaħ u bl-istatwa titulari ta' Marija Bambina esposta għall-qima tal-Karkariżi.

Kif tixhed plakka tal-irħam mal-faċċata tal-knisja, l-Papa Benedettu XV b'digriet tat-23 ta' Frar 1918, ikkonċeda indulġenza plenarja lil kull min jinvista din il-Knisja tal-Vitorja f'Birkirkara.